**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Frar, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 243/2009 AF**

**L-Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà estera Xiamen King Long United Automotive Industry Co. Limited**

**u b'digriet tat-8 ta' Awwissu 2016, l-Avukat Dr. Yanika Bugeja LL.D, u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi gew nominati Kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kumpanija estera Xiamen King Long United Automotive Industry Co. Limited**

**u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2017, Dr. Jonathan Thompson assuma l-atti tal-kawza f'isem il-kumpanija Xiamen King Long United Automotive Industry Co. Limited u ordnat l-estromissjoni tal-Kuraturi Deputati**

**u fil-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu 2019, il-Qorti regghet hatret lill-Avukat Yanika Bugeja u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi bhala kuraturi li jirrapprezentaw il-kumpanija estera**

**vs**

**BIE (Malta) Limited (C-29612)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Avukat Dottor Michael Grech nomine, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti timmanifattura u tbiegh fuq is-suq lokali *coaches* u vetturi taht il-markji "KING LONG" u logo distintiv.

Is-socjetà rikorrenti, hija proprjetarja ta' bosta registrazzjonijiet tal-markji "KING LONG" u logo distintiv f'diversi pajjizi nkluz hawn Malta (Trade Mark Numbers 35358 u 35359 – Dokumenti A u B) kif ukoll markji internazzjonali taht il-World Intellectual Property Organisation (WIPO) (Trade Mark Numbers 827444 u 872433 – Dokumenti C u D) u dan jaghtiha l-protezzjoni u dritt ta' azzjoni kontra s-socjetà intimata a tenur tal-Artiklu 14 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta (Trade Marks Act).

Is-socjetà intimata kienet tiddistribwixxi *coaches* u vetturi manifatturati mis-socjetà rikorrenti fit-territorju ta' Malta ai termini ta' ftehim bejn il-partijiet.

Fil-5 ta' Marzu 2007, il-ftehim in kwistjoni gie terminat permezz ta' ittra mis-socjetà rikorrenti lill-intimata (Dokument E) f'liema ittra s-socjetà intimata kienet ordnata biex minnufih taghlaq il-website www.king-long-europe.com u tiddezisti milli tkompli taghmel kwalsiasi uzu tal-isem "KING-LONG" u l-logo distintiv,

liema isem u logo huma eskluzivament il-proprjetà tas-socjetà rikorrenti.

Minkejja dan u bosta interpellanzi sew bil-fomm sew bil-miktub da parti tas-socjetà rikorrenti, s-socjetà intimata baqghet inadempjenti u baqghet taghmel uzu tal-isem "KING LONG" u l-logo distintiv, kif ukoll topera u tiggestixxi l-website www.king-long-europe.com (Dokument F – li jgib id-data 17/02/09).

Tali uzu da parti tas-socjetà intimata huwa intiz sabiex johloq konfuzjoni fis-suq ghad-dannu tal-istess socjetà rikorrenti.

B'dan il-mod is-socjetà intimata qed tohloq konfuzjoni fis-suq lokali kif ukoll tapprofitta ruhha mill-goodwill sostanzjali li l-konsumatur jassocja mal-markju "KING LONG" u l-logo distintiv u dan l-agir qed jikkreja danni sostanzjali lill-istess socjetà rikorrenti, inkluz it-telf ta' bejgh.

Dan l-agir da parti tas-socjetà intimata jikkostitwixxi att evidenti ta' *trade mark infringement* u konkorrenza sleali u jmur kontra d-dispozizzjonijiet sija tal-Artikolu 14 tal-Kap. 416 kif ukoll kontra dawk tal-Artikolu 32 tal-Kap. 12.

Is-socjetà rikorrenti ottenit il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-socjetà intimata li permezz tieghu giet inibita milli taghmel kwalsiasi uzu tal-isem "KING LONG" u l-logo distintiv jew tirreklama, timmaniggja, tiggestixxi, topera jew tihhostja l-website www.king-long-europe.com.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tinibixxi permanentement lis-socjetà intimata milli taghmel kwalsiasi uzu tal-isem "KING LONG" u l-logo distintiv u tinibiha milli tirreklama, timmaniggja, tiggestixxi, topera jew tihhostja l-website www.king-long-europe.com peress illi dana qed johloq konfuzjoni fuq is-suq u jikkreja danni sostanzjali lill-istess socjetà rikorrenti, inkluz it-telf ta' bejgh liema agir jammonta ghall-*trade mark infringement* u konkorrenza sleali u jmur kontra d-disposizzjonijiet sija tal-Artikolu 14 tal-Kap. 416 kif ukoll kontra dawk tal-Artikolu 32 tal-Kap. 12.

2. Tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex fi zmien qasir li tiffissa dina l-Onorabbli Qorti taghlaq permanentement il-website www.king-long-europe.com u tikkonsenja is-source code kif ukoll il-materjal kollha fil-pussess taghha relatat mal-immaniggar tal-website lis-socjetà rikorrenti.

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex fi zmien qasir li tiffissa dina l-Onorabbli Qorti taghmel kull ma huwa mehtieg sabiex tittrasferixxi l-proprjetà teknika, legali u amministrattiva tad-domain name www.king-long-europe.com f'isem is-socjetà rikorrenti.

4. Tiddikjara lis-socjetà intimata responsabbli tad-danni kollha sofferti u illi qeghda ssofri s-socjetà rikorrenti minhabba l-precitata konkorrenza zleali u *trade mark infringement* maghmula mill-istess socjetà konvenuta.

5. Tillikwida l-istess danni okkorrendo permezz ta' perit nominand.

6. Tikkundanna lill-istess socjetà konvenuta thallasha d-danni hekk likwidati flimkien mal-imghax legali.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà konvenuta, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 296/09/RCP ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' BIE (Malta) Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Il-fatti dikjarati mis-socjetà attrici fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur taghha mhumiex kontestati.

Il-fatti dikjarati mis-socjetà attrici fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur taghha mhumiex kontestati. Fil-fatt kienet is-socjetà konvenuta stess li ghenet lis-socjetà attrici tirregistra il-markji taghha f'Malta.

Il-fatti dikjarati mis-socjetà attrici fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur taghha mhumiex kontestati hlief li (a) s-socjetà konvenuta tikkontendi illi l-ftehim bil-miktub bejn il-kontendenti (hawn anness bhala Dok. Z) ghadu fis-sehh stante li dan qatt ma gie validament itterminat u (b) a tenur tal-istess ftehim is-socjetà konvenuta kienet tiddistribwixxi merci u vetturi (*coaches u buses*) manifatturati mis-socjetà attrici mhux f'Malta biss izda wkoll fil-pajjizi l-ohra kollha membri tal-Unjoni Ewropeja.

Il-fatti dikjarati mis-socjetà attrici fir-raba' paragrafu tar-rikors promotur taghha huma kontestati ghaliex l-agir tas-socjetà attrici permezz tal-ittra in kwistjoni kien wiehed illegali u kuntrarju ghall-ftehim bil-miktub bejn il-kontendenti u ghalhekk l-istess ftehim ghadu fis-sehh. Meta s-socjetà attrici pprezentat it-*termination letter* taghha lis-socjetà konvenuta, s-socjetà konvenuta m'accettatix u baqghet taghmel mill-ahjar li tista' biex tikkomunika mas-socjetà attrici nkluz billi qabbdet avukat Ciniz ghal dan il-ghan, izda s-socjetà attrici qatt ma wiegbet ghal ebda forma ta' komunikazzjoni li ppruvat taghmel maghha s-socjetà konvenuta.

Il-fatti dikjarati mis-socjetà attrici fil-hames paragrafu tar-rikors promotur taghha huma kontestati ghaliex is-socjetà rikorrenti qatt ma ppruvat tikkuntattja lis-socjetà konvenuta bil-fomm. Is-socjetà konvenuta baqghet tipprova ssib soluzzjoni ghall-agir tas-socjetà attrici meta din baghtet l-ittra msemmija tal-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u seba' (2007).

Il-fatti dikjarati mis-socjetà attrici fis-sitt u s-seba' paragrafi tar-rikors promotur taghha huma kontestati. Il-konfuzjoni giet mahluqa mis-socjetà attrici ghaliex kienet hi li ma segwitx il-ftehim bil-miktub bejn il-kontendenti, liema ftehim ghadu fis-sehh. Is-socjetà attrici nkarigat lis-socjetà konvenuta biex tiehu hsieb tintroduci f'Malta u fil-pajjizi l-ohra tal-Unjoni Ewropeja il-merci u l-vetturi taghha u taghmel it-testijiet u l-kuntatti necessarji. Meta dan sar mis-socjetà konvenuta u kollox kien kwazi lest, is-socjetà attrici ghogobha taghti lis-socjetà konvenuta l-ittra tal-5 ta' Marzu 2007. Di più dawn it-testijiet u kuntatti saru kollha a spejjez tas-socjetà konvenuta, liema spejjez ghadha ma gietx reimbursata ghalihom sal-gurnata tal-lum.

Il-fatti dikjarati mis-socjetà attrici fit-tmien paragrafu tar-rikors promotur taghha huma kontestati. Is-socjetà konvenuta qatt ma pprofittat ruhha mis-socjetà attrici jew ghamlet uzu mit-trade marks taghha abbuzivament ghax kienet proprju s-socjetà attrici stess li tat permess lis-socjetà konvenuta biex tuza dawn it-trade marks f'Malta u fil-pajjizi l-ohra tal-Unjoni Ewropeja. L-ittra tal-5 ta' Marzu 2007, li permezz taghha s-socjetà attrici tterminat il-ftehim bil-miktub bejn il-kontendenti, ma gietx accettata mis-socjetà konvenuta ghaliex ma kien hemm l-ebda raguni valida li ssir skond il-ftehim bejn il-partijiet. Fil-fatt is-socjetà konvenuta ghadha sal-lum ma tafx il-ghala s-socjetà attrici baghtet l-imsemmija ittra.

Il-fatti dikjarati mis-socjetà attrici fid-disa' paragrafu tar-rikors promotur taghha mhumiex kontestati. Is-socjetà konvenuta waqfet milli tkompli tuza l-marka King Long immedjatament meta rceviet il-mandat ta' inibizzjoni msemmi. Is-socjetà konvenuta rrispondiet l-imsemmi mandat bil-mod kif ghamlet ghaliex ma riditx tikxef idejha f'dak l-istadju billi riedet taccerta ruhha li s-socjetà attrici taghmel din il-kawza u per konsegwenza tissottometti ruhha ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta halli tkun tista' taghmel id-debita kontro-talba kif fil-fatt qeghda taghmel ma' din ir-risposta.

Jien naf bil-fatti fuq esposti personalment.

Ghar-ragunijiet premessi, t-talbiet tas-socjetà attrici ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom ghaliex:

1. Il-kuntratt bejn il-kontendenti ghadu fis-sehh stante li fil-5 ta' Marzu 2007 il-perjodu tal-ewwel tlett snin imsemmi fil-klawsola 3.1 tad-Dok. Z ma kienx ghadu beda ghaliex ma kienitx avverat ruhha l-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 3.2 tal-istess Dok. Z; u

2. Minghajr pregudizzju ghal premess, is-socjetà attrici ma kellha l-ebda raguni valida biex tittermina l-ftehim bejn il-kontendenti u di più lanqas biss segwit il-procedura ghal tali terminazzjoni kif ikkontemplata fl-istess ftehim (Dok. Z).

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokument anness.

Rat il-kontro talba ta' BIE (Malta) Limited, li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Is-socjetà esponenti qeghda tipprevalixxi ruhha mid-dritt moghti lilha ai termini tal-artikolu tlett mija u sitta u disghin (396) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant qeghda tipprezenta din il-kontro-talba.

Is-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti u s-socjetà attrici rikonvenzjonata ffirmaw skrittura privata fl-1 ta' Lulju tas-sena 2004 (Dok. Z esibit mar-risposta guramentata) li permezz taghha s-socjetà attrici rikonvenzjoanta appuntat lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti d-distributur esklussiv taghha ghall-bejgh fil-pajjizi tal-Unjoni Ewropeja ta' merci, vetturi (inter alia coaches u xarabanks) u parts immanifatturati minnha.

A tenur tal-klawsola 3.1 tal-imsemmija skrittura l-ftehim bejn il-kontendenti kellu jibqa' fis-sehh ghal tlett snin, liema perjodu jiggedded awtomatikament ghal aktar perjodi ta' tlett snin il-wiehed sakemm xi parti ma taghtix avviz lill-parti l-ohra almenu sitt xhur qabel l-gheluq ta' xi perjodu ta' tlett snin li ma kellix il-hsieb li ggedded il-ftehim ghal tlett snin ohra. Skond il-klawsola 3.2:

> *"The period (cioè l-ewwel perjodu ta' tlett snin) shall not commence until the products manufactured by King Long have received VCA or other independent certification bodie, approval pemitting the importation and sales into the territory."*

L-iskrittura privata (Dok. Z) tistabilixxi c-cirkostanzi li fihom parti tista' tittermina l-imsemmi ftehim:

A tenur tal-klawsola 10.3:

> *"Manufacturer (Xiamen King Long United Automotive Industry Co. Ltd) shall supply all vehicles that produces, to the distributor (BIE (Malta) Ltd) only, in the territory's agreed (i.e. il-pajjizi tal-Unjoni Ewropea) during the distributions agreement is still effective, even so, the manufacturer shall not sell, distribute or barther with any third parties in the stipulated territory's (cioè l-pajjizi membri tal-Unjoni Ewropea) of the distributer."*

Il-klawsola 15.1(e) tghid inter alia:

> *"…… if the Manufacturer do appoint or sell to a new distributor in the validity of this agreement without sufficient reason, the manufacturer shall pay a penalty of $500,000 in favour of Baldacchino Import-Export."*

Mill-bidu nett ta' dan in-negozju kien hemm hafna problemi attribwibbli lis-socjetà attrici rikonvenzjonata rigward nuqqas ta' konformità mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja u nuqqas ta' konformità max-xewqat tal-klijenti tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti. Riedu jsiru wkoll testijiet lix-xarabanks u l-coaches biex dawn jilhqu l-ispecifications kollha tal-Unjoni Ewropeja, liema testijiet saru kollha a spejjez tas-socjetà kovenuta rikonvenzjonanti.

Fil-5 ta' Marzu 2007, meta d-direttur tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti (Joseph Baldacchino) kien ic-Cina, gie moghti l-ittra esibita mis-socjetà rikonvenzjonata bhala Dok. E, fejn is-socjetà attrici rikonvenzjonata gharfitu illi tterminat il-ftehim tal-1 ta' Lulju 2004 b'effett mill-5 ta' Marzu 2007.

Is-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti ma accettatx il-kontenut tal-imsemmija ittra u baqghet tinsisti li s-socjetà attrici rikonvenzjonata tonora l-ftehim ta' bejniethom.

Is-socjetà attrici rikonvenzjonata m'ghandha l-ebda dritt tippretendi li l-ftehim bejn il-kontendenti huwa tterminat, dan stante li:

a) Fis-7 ta' Marzu 2007 il-perjodu tal-ewwel tlett snin tal-ftehim bejn il-kontendenti (Dok. Z) lanqas biss kien ghadu

beda ghaliex il-vetturi tas-socjetà attrici rikonvenzjonata kienu ghadhom ma gewx iccertifikati bil-mod kif ikkontemplat fi-klawsola 3.2 tal-ftehim bejn il-kontendenti.

b) Ma kienet tezisti l-ebda wahda mir-ragunijiet ikkontemplati fl-iskrittura privata tal-1 ta' Lulju 2004 bejn il-kontendenti li a bazi taghha s-socjetà attrici rikonvenzjonata setghet tittermina l-ftehim, u fil-fatt l-ebda raguni ma nghatat lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti ghal din l-ittra, ghalkemm is-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti tobsor x'gara, inkluz li giet ittraduta mill-impjegat taghha Christopher Cassar stess.

Is-socjetà attrici rikonvenzjonata baqghet u qeghda tbiegh vetturi u oggetti ohra manifatturati minnha fil-pajjizi tal-Unjoni Ewropeja bi ksur tal-ftehim bejn il-kontendenti.

Jien personalment edott mill-fatti aktar 'il fuq dikjarati.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ftehim bejn il-kontendenti datat l-1 ta' Lulju 2004 ma giex validament tterminat permezz ta' ittra esibita mis-socjetà attrici rikonvenzjonata bhala Dok. E u ghalhekk l-istess ftehim ghadu fis-sehh.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetà attrici rikonvenzjonata kisret l-obbligi taghha versu s-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti naxxenti mill-kuntratt tal-1 ta' Lulju 2004 u b'rizultat ta' hekk is-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti sofriet danni li ghalihom trid twiegeb is-socjetà attrici rikonvenzjonata.

3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti.

4. Tikkundanna lis-socjetà attrici rikonvenzjonata thallas id-danni hekk likwidati lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti.

5. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetà attrici rikonvenzjonata appuntat jew bieghet prodotti manifatturati minnha lil distributuri ohra f'pajjizi tal-Unjoni Ewropeja u per konsegwenza ghandha thallas lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti is-somma ta' hames mitt elf Dollaru Amerikan kif ikkontemplat fl-artikolu 15.1(e) tal-ftehim bejn il-partijiet (Dok. Z).

6. Tikkundanna lis-socjetà attrici rikonvenzjonata thallas lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti dawn il-hames mitt elf Dollaru Amerikan jekk hemm bzonn f'munita Ewro.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjetà attrici rikonvenzonjata, li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Michael Grech noe għat-talbiet rikonvenzjonali ta' BIE (Malta) Limited li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Salv ghas-sottoespost l-esponenti nomine jaqbel mal-kontenut tal-ewwel sitt paragrafi tal-kontro-talba tas-socjetà intimata rikonvenzjonanti.

L-esponenti nomine ma jaqbilx mas-seba' paragrafu tal-kontro-talba tas-socjetà intimate rikonvenzjonanti. Kuntrarjament ghal dak li qeghda tallega s-socjetà intimata rikonvenzjonanti, is-socjetà Xiamen King Long United Automotive Industry Co. Ltd kienet hadet hsieb li tottjeni certifikati ta' konformità mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea fil-konfront tal-vetturi manifatturati minnha kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tar-rikors.

L-esponenti nomine jaqbel mat-tmien paragrafu tal-kontro-talba tas-socjetà intimata rikonvenzjonanti.

L-esponenti nomine ma jaqbilx mal-kontenut tad-disa' paragrafu tal-kontro-talba tas-socjetà intimata rikonvenzjonanti stante illi t-terminazzjoni tal-ftehim bejn il-kontendenti saret kollha kemm hi a tenur tal-iskrittura ta' bejn il-partijiet annessa bhala Dokument "Z".

L-esponenti nomine ma jaqbilx mal-kontenut tal-ghaxar pargrafu tal-kontro-talba tas-socjetà intimata rikonvenzjonanti u dana ghar-ragunijiet segwenti; kuntrarjament ghal dak li qeghda tallega s-socjetà intimata rikonvenzjonanti, u skond id-dikjarazzjoni hawn fuq esposta, fis-sebgha (7) ta' Marzu elfejn u sebgha (2007) il-vetturi tas-socjetà esponenti kienu kollha kemm huma iccertifikati skond il-ftehim bejn il-kontendenti u dana minkejja l-isforzi tas-socjetà intimata sabiex tostakola l-hrug ta' certu certifikazzjonijiet kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tar-rikors.

Inoltre s-socjetà esponenti kienet iggustifikata meta tterminat il-ftehim bejn il-kontendenti u dana stante illi s-socjetà intimata rikonvenzjonanti naqset milli tottjeni t-"targets" li obbligat ruhha tilhaq skond id-dispozizzjonijiet tal-istess ftehim Dokument "Z".

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem il-perit legali mahtur mill-Qorti diversament presjeduta. Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta biex tkompli tinstema' u tinqata'.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2014 l-kawża prinċipali tħalliet sine die u għaldaqstant, ordnat illi l-kawża tissokta biss fir-rigward tal-kontro talba.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2015 il-kawża prinċipali ġiet iddikjarata deżerta.

Rat ir-rapport tal-perit legali.

Semgħet lill-perit legali tixhed in eskussjoni.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni kuntrattwali u penali. Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, minn issa 'l quddiem imsejħa 'BIE', qiegħda

tgħid illi s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata, minn issa 'l quddiem imsejħa 'King Long', itterminat il-kuntratt li kien jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet unilateralment, bi ksur tal-obbligi assunti minnha fuq l-istess kuntratt. BIE qiegħda allura titlob mingħand King Long kemm danni kif ukoll penali skont l-imsemmi kuntratt. Il-kawża prinċipali, li kienet dwar allegata *trademark infringement* u konkorrenza żleali, ġiet iddikjarata deżerta u konsegwentement, il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet ta' King Long fil-kawża prinċipali kif ukoll tal-eċċezzjonijiet ta' BIE għal dawk it-talbiet.

Mill-provi prodotti jirriżulta li fl-1 ta' Lulju 2004 il-partijiet iffirmaw kuntratt fejn qablu li King Long, li timmanifattura *buses* tal-istess ditta, tesporta dawn il-buses lejn l-Ewropa tramite BIE li kellha taġixxi bħala distributur.

It-tielet klawżola tal-ftehim, li qiegħda tiġi riprodotta kelma b'kelma, kienet tipprovdi li:

> *"3.1 This Agreement shall have a definite term of 3 years from the date of execution, which term shall be automatically renewed for further periods of three years which unless either party gives notice to the other of its intention not to renew this Agreement. Each party undertakes to give the other at least six months prior notice of its intention not to renew this Agreement. With a minimum target of 150 units for the whole EU territory per year. With an increase of 30 percent sales per year. The sole agency agreement will be automatically terminated if the distributor don't reach the target at the One year.*
>
> *3.2 The period shall not commence until the products manufactured by King Long have received VCA or other independent certification bodie, approval permitting the importation and sales into the territory."*

Fil-kuntratt ġie stipulat illi t-territorju kien ifisser il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea. Rilevanti wkoll għall-kawża tal-lum huwa l-aħħar paragrafu tal-ħmistax-il klawżola tal-kuntratt li kien jgħid li:

> *"If distributor shall import similar products manufactured by King Long, the Sole Agency agreement will automatically be terminated and the distributor shall pay a penalty of $500,000 in favour of King Long. On the other side if the Manufacturer do appoint or sell to a new distributor in the validity of this agreement without sufficient reason, the manufacturer shall pay a penalty of $500,000 in favour of Baldacchino Import-Export."*

Chris Cassar, li kien *managing director* ma' BIE, kien inkarigat mill-proċess ta' omologazzjoni ta' dawn il-*buses*, jiġifieri l-proċess biex il-*buses* jiġu ċertifikati biex jinstaqu fit-toroq tal-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Xogħolu kien ukoll illi jsib xerrejja f'dawn il-pajjiżi sabiex jixtru l-*buses* ta' King Long.

Permezz ta' ittra tal-5 ta' Marzu 2007, mgħoddija lir-rappreżentanti ta' BIE meta dawn tal-aħħar żaru ċ-Ċina, King Long itterminat il-kuntratt ta' bejniethom. Peress illi, tgħid King Long, BIE baqgħet tagħmel użu mill-isem u logo distintiv tagħha, hija talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra BIE u imbagħad ipproċediet b'kawża kontriha abbażi ta' allegat *trade mark infringement* u konkorrenza żleali. BIE preżentat kontro-talba għad-danni u penali għaliex tgħid illi t-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt kienet illegali u konsegwentement, il-partijiet baqgħu marbutin b'dak li jipprovdi l-kuntratt u li allura meta King Long daħlet fi ftehim ma' terzi għall-importazzjoni tal-buses ġewwa t-territorju tal-Unjoni Ewropea, hija kisret ukoll il-klawżola 15.1 (e) tal-kuntratt.

Fl-ittra tagħha King Long ma spjegatx ir-raġuni wara d-deċiżjoni tagħha li tirtira mill-kuntratt. Mill-atti tal-kawża, u fil-fatt saret eċċezzjoni f'dan is-sens, jirriżulta li King Long qiegħda tgħid illi t-terminazzjoni tal-kuntratt kien ġustifikat u qiegħda tibbaża l-argument tagħha fuq il-klawżola numru 3 tal-kuntratt għaliex tgħid illi BIE naqset milli tilħaq it-*targets* stipulati fl-istess klawżola.

Fir-risposta maħlufa tagħha għat-talbiet ta' BIE, King Long eċċepiet ukoll illi hija '*kienet ħadet ħsieb li tottjeni ċertifikati ta' konformità mar-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea fil-konfront tal-vetturi mmanufatturati minnha...*' Fl-istess risposta eċċepiet

ukoll li '*kuntrarjament għal dak li qiegħda tallega s-soċjetà intimata rikonvenzjonali, u skond id-dikjarazzjoni hawn fuq esposta, fis-sebgħa (7) ta' Marzu elfejn u sebgħa (2007) il-vetturi tas-soċjetà esponenti kienu kollha kemm huma ċċertifikati skond il-ftehim bejn il-kontendenti u dana minkejja l-isforzi tas-soċjeta intimata sabiex tostakola l-ħruġ ta' ċertu ċertifikazzjonijiet...*'

Fl-affidavit tiegħu, Han Zhihong in rappreżentanza ta' King Long, iddikjara illi huma kienu qegħdin jagħmlu telf minħabba li BIE ma kienitx qiegħda tbiegħ il-vetturi tagħha kif maqbul. Jgħid ukoll li fl-istess perjodu BIE kienet f'kuntatt ma Suzhou King Long u manifatturi oħra u li malli tterminaw il-kuntratt BIE bdiet tinnegozja ma' terzi u tippromwovi l-vetturi tagħhom kemm f'Malta kif ukoll barra.

Chris Cassar, li wara li rreżenja minn ma' BIE beda jaħdem għal rasu ma' King Long, xehed ukoll illi BIE li ma kienitx ħadet il-passi meħtieġa sabiex jingħataw dawn l-approvazzjonijiet bil-konsegwenza li naqset milli tilħaq it-*targets* li imponiet fuqha King Long. Cassar jgħid illi wara li temm l-impjieg tiegħu minn ma BIE, kienu ikkuntattjawh King Long biex jagħmel konsulenza fl-industrija tal-*buses*. Skont hu, il-proċess tal-omologazzjoni kellu jsir minn BIE għaliex ma setgħetx tbiegħ il-*buses* jekk ma jkunux ċertifikati. Huwa kkonferma li sakemm huwa kien għadu jaħdem ma' BIE, kienu għadhom qed jaħdmu fuq omologazzjoni ta' xarabank waħda u li għalkemm kien hemm xi approvazzjonijiet parzjali, il-proċess ma kienx lest minn kollox. Spjega wkoll li l-ittestjar isir fuq prototipi.

Mhux kontestat illi wara li tterminat il-ftehim ta' bejniethom, King Long daħlet fi ftehim ma' kumpannija Maltija oħra sabiex din tirrappreżenta l-vetturi tagħha hawn Malta. Hija daħlet ukoll f'kuntratti ma kumpanniji u/jew persuni oħra madwar l-Ewropa, inkluż pajjiżi membru tal-Unjoni Ewropea, għall-bejgħ tal-*buses* tagħha f'dawn il-pajjiżi.

Dwar il-proċess ta' omologazzjoni tal-*buses* in kwistjoni, jirriżulta li dawn huma testijiet li jsiru fuq il-vetturi li naturalment iridu jsiru qabel ma jiġu importati għall-użu fit-triq sabiex l-awtoritajiet tal-pajjiż li jkun jaċċertaw li l-vetturi jilħqu ċerti

standards. Jirriżulta li BIE kienet qiegħda taħdem mal-*Vehicle Certification Agency* tar-Renju Unit, minn issa 'l quddiem imsejħa 'VCA', sabiex takkwista iċ-ċertifikazzjoni meħtieġa.

Janice u Maryliz Baldacchino, in rappreżentanza ta' BIE, xehdu li l-perjodu ta' sena li jitkellem dwaru l-kuntratt ma kellux jibda jiddekorri qabel ma l-vetturi jkunu lesti mill-proċess ta' omologazzjoni sabiex ikunu jistgħu jinbiegħu fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea. Huma jikkontendu li meta King Long itterminat il-kuntratt permezz tal-ittra tas-7 ta' Marzu 2007, il-proċess ta' omologazzjoni ma kienx għadu lest b'dan illi ma kienx hemm imqar mudell ta' *bus* waħda li kellu l-approvazzjonijiet kollha meħtieġa (diversi aspetti ta' kull vettura jiġu ttestjati individwalment) u li laħqu ġew esporati biss xi prototipi biex fuqhom isiru testijiet fl-Ingilterra u fl-Italja.

Ix-xhieda jkomplu billi jispjegaw illi testijiet saru kollha a spejjeż ta' BIE. Ċertu testijiet kienu jsiru ġewwa ċ-Ċina. Chris Cassar kien inkarigat minn dan il-proċess ta' ttestjar u approvazzjoni kif ukoll sabiex isib il-bejgħ tal-vetturi fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Huwa kien jgħidilhom illi King Long ma tantx kienu jikkoperaw u għalhekk, il-proċess kien qiegħed idum.

Jirriżulta li meta Janice Baldacchino kkuntattjat lil King Long lejn il-bidu tal-2007 sabiex tinfurmahom li Cassar ma kienx għadu jaħdem ma' BIE, huma ma ħadux pjaċir u fil-fatt ftit tal-ġimgħat wara meta Joseph Baldacchino mar iżurhom iċ-Ċina infurmawh illi kienu qegħdin jitterminaw il-kuntratt.

L-aħwa Baldacchino jallegaw ukoll li wara rriżulta li Chris Cassar kien qiegħed jinnegozja direttament ma' King Long minn wara daharhom sabiex jeliminaw lil BIE mix-xena u kif ikun lest il-proċess tal-omologazzjoni, King Long jimpurtaw il-vetturi dirett huma bl-għajnuna ta' Cassar.

Hija rilevanti l-*e-mail* esebita minn Janice Baldacchino a fol. 139 tal-proċess minn fejn jirriżulta li King Long fil-fatt daħlet f'kuntratt dirett ma' kumpannija Svediża u dan sa minn qabel ma tterminat il-kuntratt unilateralment f' Marzu tal-2007.

Dwar id-danni li sofriet BIE minħabba l-aġir ta' King Long reġġħet xehded MaryLiz Baldacchino li hija *accountant*. Hija esibiet prospett minn fejn jirriżulta li dawn id-danni li qiegħda tirriklama jammontaw għal €267,465.94. Hemm ukoll $13,750 li huwa bilanċ minn ammont akbar illi kellha tħallas King Long lil BIE. Id-danni jikkonsistu fis-segwenti:

- Pagi ta' Christopher Cassar li kif diġà ntqal kien inkarigat proprju sabiex jagħmel kuntatt mal-aġenziji madwar l-Ewropa bl-iskop illi jbiegħu l-buses kif ukoll mill-proċess ta' omologazzjoni tal-vetturi;

- L-ispejjeż tat-testijiet ta' omologazzjoni kif ukoll spejjeż tal-ivjaġġar in konnessjonijiet ma dan il-proċess; u

- Spejjeż relatati mal-attendenza għall-fieri sabiex tiġi riklamata l-aġenzija tal-King Long fl-Ewropa.

L-ewwel kwistjoni li trid tiġi trattata hija jekk King Long setgħetx tittermina l-kuntratt kif għamlet. Mhux kontestat mill-partijiet illi l-kundizzjoni stipulata fil-klawżola 3.1 tal-kuntratt hija kundizzjoni riżoluttiva espressa.

L-artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16 jaqraw hekk:

> *"1066. (1) Il-kondizzjoni riżoluttiva hija dik illi, meta sseħħ, tħoll l-obbligazzjoni, u terga' tqiegħed il-ħwejjeġ fl-istess stat bħalkieku l-obbligazzjoni ma kienet ġiet qatt magħmula.*
>
> *(2) Din il-kondizzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, iżda, jekk il-ġrajja maħsuba fil-kondizzjoni tiġri, il-kreditur ikun obbligat irodd dak li jkun irċieva.*
>
> *1067. Jekk il-kondizzjoni riżoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt, meta l-kondizzjoni sseħħ, jinħall ipso jure, u l-qorti ma tista' tagħti ebda żmien lill-konvenut.*
>
> *1068. Il-kondizzjoni riżoluttiva tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali, fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha:*

*Iżda, f'dak il-każ, il-kuntratt ma jinħallx ipso jure, u l-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ.*

*1069. (1) Meta l-kondizzjoni riżoluttiva, sew dik magħmula espressament kemm dik li titqies bħala magħmula, tkun għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita, tista' tagħżel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli.*

*(2) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-konvenut jista' jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni."*

King Long tippretendi li kien hemm terminazzjoni awtomatika tal-kuntratt dovuta għall-fatt illi wara sena BIE ma kienitx laħqet it-*targets* stipulati fl-istess klawżola. Hija tinsisti li f'każ bħal dan, il-ħall tal-kuntratt seħħ *ipso jure* u ma kien hemm bżonn tal-ebda intervjent ġudizzjarju. BIE targumenta li, fi kwalunkwe każ, kien hemm bżonn l-intervent tal-Qorti.

Kif tispjega tajjeb il-perit legali, il-ġurisprudenza prevalenti hija li anke f'każ fejn hemm xoljiment *ipso iure*, xorta waħda tkun meħtieġa dikjarazzjoni espliċita tal-Qorti dwar dak ix-xoljiment. Dikjarazzjoni ta' dan it-tip tinkiseb biss b'azzjoni li ssir b'talba għal dikjarazzjoni ta' dik ix-xorta u mhux sempliċiment *per via di eccezzione*.

Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta' April 2002 fil-kawża fl-ismijiet St. Andrew's Farm and Building Company Limited vs Henry Sultana. F'din il-kawża kien eċċepit li t-talbiet attriċi kienu infondati stante li l-ftehim in kwistjoni kien ġie xolt *ipso jure* skont l-artikoli 1068 u 1069(1) tal-Kap. 16 u l-artikolu 117 tal-Kap. 13 peress li s-soċjetà attriċi naqset milli tħares l-obbligi tagħha. Il-Qorti irriteniet illi:

"*Ir-regola generali li tirregola l-kuntratti ma tippermettix it-terminazzjoni unilaterali ta' kuntratt minhabba*

*inadempjenza, izda taghti lill-Qorti l-fakoltà li taghti zmien ragjonevoli lid-debitur li jissodisfa l-mora. F'materja kummercjali, din ir-regola hija varjata fis-sens li l-Qorti m'ghandiex din id-diskrezzjoni izda ghandha tholl il-kuntratt. F'kull kaz, izda hija l-Qorti li tippronunzja x-xoljiment tal-kuntratt. (Vol LXIII p4 p956 Gauci vs Cutajar).*

*Dan johrog mill-artikoli 1068 u 1069 u Art 117 tal-Kap. 13. Il-konvenut ghandu ghalhekk l-ghazla jew li jitlob il-hall tal-kuntratt jew li ggieghel lill-parti l-ohra li tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibbli, u fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-konvenut jista' jigi kkundannat ghall-hlas tad-danni.*

*Izda hija dejjem il-qorti li tippronunzja x-xoljiment tal-kuntratt. Il-kontro-talba li pprezenta l-konvenut bl-ebda mod ma tissana l-posizzjoni billi meta giet prezentata c-citazzjoni ta' l-attur u l-kontro-talba tal-konvenut, hu kien ilu minn Ottubru, 1996 li unilateralment ittermina l-kuntratt.*

*Kwantu ghar-ragunijiet li semma l-konvenut biex jiggustifikaw it-terminazzjoni unilaterali tal-ftehim, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fihom stante li l-konvenut ma mexiex kif suppost legalment kellu jaghmel."*

Tal-istess portata kienet is-sentenza li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali fil-25 ta' Ottubru 2005 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Vella et noe et vs Edward Galea et noe. Ingħad hekk:

*"Ghall-kuntrarju tat-tezi tal-konvenut nomine, jidher illi l-gurisprudenza stabilita lokali hija fis-sens illi anke f'kaz ta' kuntratti kummercjali l-ebda wiehed mill-kontraenti ma jista' jittermina l-kuntratt unilateralment f'kaz ta' kondizzjoni rizoluttiva tacita, imma dejjem irid jaghmel talba ghal dan il-fini lill-Qorti. Hekk infatti inghad f'sentenza f'kawza già citata [St. Andrew's Farm and Building Company Ltd. Vs. Henry Sultana, Prim'Awla, 26/04/2002), simili hafna ghal dik in ezami, fejn il-ftehim kien gie unilateralment itterminat mill-konvenut…*

*'Ir-regola generali li tirregola l-kuntratti hija … l-artikolu 1068 kap. 16, li mhux talli ma jippermettix it-terminazzjoni uilaterali tal-kuntratt minhabba inadempjenza, talli jaghti lill-Qorti l-fakoltà li taghti zmien ragjonevoli lid-debitu li jissodisfa l-mora li jkun waqa' fiha. Fil-kamp kummercjali mbaghad fejn l-ispeditezza tan-negozju ma tippermettix m'ghandhiex din id-diskrezzjoni u hija obbligata tholl il-kuntratt. Imma hawn qieghed il-punt. Hija dejjem il-Qorti li trid tippronunzja x-xoljiment ta' kuntratt… [Qorti tal-Kummerc: Pio Gauci vs. Joseph Cutajar, vol LXIII Pt 4 p 956).*

*Din il-qorti zzid ma dak li ntqal f'dawn id-decizjonijiet illi jidher illi huwa proprju ghalhekk illi l-artikoli rilevanti tal-ligi dejjem jaghmlu referenza ghall-'qorti'. Altrimenti kieku kellha tigi accettat t-tezi tal-konvenuti u l-kontraent jista' jittermina l-ftehim minn jeddu jekk jidhirlu li l-kontraent l-iehor kien inadempjenti, l-qorti ma kienet tissemma xejn.*

*Dan ifisser illi, bl-interpretazzjoni moghtija mill-Qrati taghna ghall-artikoli 1068 u 1069 tal-kap. 16 u l-artikolu 117 tal-Kap. 13, kontraent illi jidhirlu illi ghandu dritt ghar-rizoluzzjoni ta' kuntratt minhabba inadempjent da parti tal-kontraent l-iehor, ghandu dejjem jirrikorri l-Qorti biex jitlob dikjarazzjoni f'dan is-sens, u f'kaz ta' kuntratt kummercjali, u fejn il-kwistjoni ma tkunx wahda ta' dewmien fil-hlas tal-kera, il-Qorti tkun marbuta illi tholl il-kuntratt b'effett retroattiv, ghax kif jghallem il-Giorgi [Teoria della obbligazioninel Diritto Moderno Italiano 61 ed. Vol. IV para 218 pag 245]: `La sentenza, che dichiara risolto il contratto, riconosce uno stato giuridico preesistente e cancellando tutte le conseguenze del contratto, opera ex tunc, non già ex nunc, l'annichilamento del contratto medesimo."*

F'dan is-sens ukoll kienet id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Angelo Zahra et vs Carmelo Vella et, tad-29 ta' Settembru 2016.

Ghalkemm tista' tidher konfliggenti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Recoinvest Limited vs Catherine Ripard, tal-10 ta' Mejju 2006 fejn intqal hekk:

*"Fic-cirkostanzi attwali tal-kaz in ezami, mhemmx dubbju illi l-intenzjoni tal-kontendenti kienet li hekk kif is-sid tal-hanut jipprocedi giudizzjarjament ghall-izgumbrament ta' l-inkwilina, il-ftehim jitqies li inhall ipso jure.* ***<u>Il-klawsola per se hija cara u ma toffri l-ebda diffikulta ta' interpretazzjoni</u>****."* (Enfasi ta' din il-Qorti),

fil-każ tal-lum huwa differenti, għaliex kif ser jiġi spjegat aktar 'l quddiem, il-klawżola in kwistjoni fil-fatt ma kienet ċara xejn u kuntrarjament għal dak li qiegħda tippretendi King Long, hemm aktar minn interpretazzjoni waħda, tant illi kienet King Long stess li offriet interpretazzjoni pjuttost imġebda dwar x'riedu jfissru l-partijiet bil-klawżola in kwistjoni.

Il-Qorti allura tikkondividi l-fehma tal-perit legali li:

*"L-interpretazzjoni korretta tinsab proprju hawn, ossia:-*

*(i) Ladarba l-kontendenti jkunu stipulaw il-kondizzjoni riżoluttiva espressa, allura l-kuntratt jinħall ipso iure – anke ai termini tal-prinċipju pacta sunt servanda – mingħajr il-ħtieġa legali ta' dikjarazzjoni ġudizzjarja ta' xoljiment;*

*(ii) basta l-klawżola riżoluttiva tkun ċara u ma tirrikjedi ebda interpretazzjoni – għaliex, altrimenti, ikun fl-interess tal-kreditur illi jottjeni dikjarazzjoni ġudizzjarja tat-terminazzjoni."*

Il-Qorti żżid tgħid li f'dan il-każ, King Long kellha tieħu ħsieb titlob dikjarazzjoni ġudizzjarja mhux biss għaliex kien ikun fl-interess tagħha li tagħmel hekk, imma għaliex hekk kellha tagħmel ladarba ġie muri li kien hemm nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni tal-klawżola in kwistjoni u allura ta' bilfors il-kreditur tal-obligazzjoni jrid jitlob dikjarazzjoni mingħand il-Qorti li l-kundizzjoni riżoluttiva fil-fatt ħallet lill-partijiet mir-rabta tal-kuntratt. F'dan il-każ, l-intervent ġudizzjarju kien mhux biss fl-interess ta' King Long imma wkoll neċessarju.

Il-perit legali tkompli illi kien hemm il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni ġudizzjarja tax-xoljiment. Isegwi għalhekk illi t-terminazzjoni tal-kuntratt da parti ta' King Long permezz tal-ittra tal-5 ta' Marzu 2007 saret b'mod illegali u hija invalida.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn iżda għall-finijiet ta' kompletezza, sejra issa tgħaddi sabiex titratta l-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-klawżola in kwistjoni u ċioè minn meta kellu jibda jiddekorri l-perjodu ta' sena u jekk fil-fatt, iċ-ċertifikazzjoni li tipprospetta l-istess klawżola kinetx lesta b'mod illi BIE setgħet timporta u tbiegħ il-vetturi fil-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea.

Il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tal-perit legali li mill-provi, meħuda fl-assjem tagħhom, jidher li ma kienux għadhom ġew konklużi ċ-ċertifikazzjonijiet jew it-testijiet tal-omologazzjoni kollha sabiex BIE tibda tikkummerċjalizza l-vetturi mqar f'pajjiż wieħed tal-Unjoni Ewropea. Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti qieset:

i. *E-mails* u l-*handover* ta' Chris Cassar minn fejn jirriżulta li kemm fis-sena 2006 u kif ukoll meta huwa rriżenja fil-bidu tal-2007 il-proċess kien għadu għaddej;

ii. Minuti tal-*board meetings* ta' BIE, esebiti mill-Avukat Dottor Pierre Lofaro u d-dokumenti annessi;

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kellha tkun King Long li ġġib prova li l-vetturi in kwistjoni kienu ċertifikati mill-VCA jew xi entità oħra simili sabiex jiġu importati u mibjugħa fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Mhuwiex daqstant rilevanti min mill-partijiet kellu jieħu ħsieb iġib din iċ-ċertifikazzjoni, il-fatt hu illi prova li l-vetturi setgħu jinbiegħu għall-użu fl-Ewropa ma saritx. Mill-atti jirriżulta li King Long kellhom biss *Certificate of Conformity of Production* li kif jispjega l-Avukat Dottor Michael Grech stess, dan huwa ċertifikat li jrid iġib il-manifattur qabel japplika għall-approvazzjonijiet tal-vetturi.

Fil-fehma tal-Qorti, fl-atti ma hemm l-ebda dokument li juri li l-vetturi jew imqar vettura waħda kienet kollha kemm hi approvata mill-VCA jew xi entità oħra biex b'hekk setgħet tinbiegħ fit-territorju. Filwaqt illi jidher li fit-18 ta' Settembru

2006, il-VCA ħarġet approvazzjoni, din kienet biss approvazzjoni parzjali. Dan ifisser, illi l-perjodu ta' sena li tipprospetta l-klawżola 3.1 tal-kuntratt żgur illi lanqas biss kien għadu beda jiddekorri meta King Long itterminat il-kuntratt. Anke li kieku stess dan id-dokument kien jikkonsisti f'ċertifikazzjoni tal-aspetti kollha tal-vettura, il-fatt jibqa' li ma kienitx għaddiet sena minn dakinhar taċ-ċertifikazzjoni sa meta King Long itterminat il-kuntratt.

Il-fatt illi nbiegħu xi prototipi ma jfissirx illi kien hemm l-approvazzjoni meħtieġa sabiex l-vetturi jinbiegħu fil-pajjiż in kwistjoni. Kif sewwa tispjega l-perit legali, prototip huwa l-mudell jew kampjun li fuqu jsiru t-testijiet u jinħadmu l-prodotti imma mhux qiegħed hemm biex jinbiegħ biex jinstaq fit-triq kif donnha qed tippretendi King Long. Il-fatt li nbiegħ prototip biex fuqu jsiru t-testijiet żgur illi ma jfissirx illi dak il-mudell ingħata approvazzjoni sabiex jiġi kkumerċjalizzat.

Asssolutament mhux minnu wkoll dak li tissottometti King Long li l-kuntratt kien jistipula ċar u tond liema proċessi ta' omologazzjoni kienu jaqgħu taħt ir-responsabilità tagħha u liema kellha tagħmel BIE. Il-kuntratt ma jipprovdix hekk.

King Long bħal donnha qiegħda tippretendi li kien hemm xi distinzjoni bejn l-importazzjoni u l-proċess ta' omologazzjoni ta' dawn il-vetturi biex ikunu jistgħu jinstaqu fit-triq. Madanakollu, din id-distinzjoni żgur ma tirriżultax mill-kuntratt. Mhux hekk biss imma din it-teorija ma ssegwi l-ebda loġika. X'użu kien ikollu ċ-ċertifikat tal-importazzjoni jekk BIE ma setgħetx tbiegħ il-vetturi għall-użu fi triq mingħajr ma tkun saret l-omologazzjoni? Żgur illi BIE ma kienitx se taċċetta li l-perjodu ta' sena previst fil-klawżola in kwistjoni jibda jiskatta qabel ma jkollha f'idejha l-approvazzjoni meħtieġa biex tbiegħ ix-xarabanks in kwistjoni għall-użu fit-triq.

Fuq kollox, King Long lanqas ma ppreżentat xi ċertifikat ta' importazzjoni sabiex issostni t-teżi tagħha. L-omologazzjoni huwa proċess li għandu x'jaqsam mal-ittestjar tal-vetturi sabiex jiġu approvati għaċ-ċirkolazzjoni fil-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea li kienu jitolbu ċertu *standards* sabiex jippermettu li

dawn jinstaqu fit-triq u m'għandha x'taqsam xejn mal-importazzjoni per se.

BIE tinsisti li t-terminu ma kienx beda jiddekorri u l-Qorti taqbel mal-perit legali li mill-atti l-argumenti tagħha jidhru li huma dawk korretti u mhux ta' King Long. Fuq kollox, kienet King Long stess illi fir-risposta tagħha għat-talbiet rikonvenzjonali ta' BIE qalet illi ċ-ċertifikati ta' konformità kienu għandha sas-7 ta' Marzu 2007. Dan meta kienet itterminat il-kuntratt jumejn qabel!

Dwar il-mod kif kien redatt il-kuntratt, il-Qorti ma tistax ma tikkummentax ukoll dwar il-fatt illi l-kuntratt jew sar biċ-Ċiniż imbagħad tradott għall-Ingliż jew ġie redatt bl-Ingliż minn persuni li ma kienux jafu biżżejjed Ingliż biex jabbozzaw skrittura ta' din ix-xorta. Il-klawżola in kwistjoni fil-fatt tħalli aktar mistoqsijiet milli twieġeb.

Il-Qorti tqis ukoll illi BIE għandha raġun tgħid illi kienet l-attriċi stess illi fil-kuntratt iggarantiet illi l-vetturi tagħha kienu konformi mal-istandards mitluba mill-awtoritajiet kompetenti fit-territorju. Imma milli ħareġ mill-atti tal-kawża jidher li dan assolutament ma kienx minnu għaliex il-vetturi mhux talli riedu jgħaddu minn proċess shih talli kien hemm diversi modifikazzonijiet li riedu jsiru sabiex jiġu approvati.

Il-Qorti tikkondividi wkoll il-ħsieb tal-perit legali dwar l-irwol ta' Chris Cassar f'dan kollu. Huwa ċar illi l-ħsieb tiegħu u ta' King Long kien illi jaħdmu minn wara dahar BIE sabiex jaqtugħha barra mix-xena tant illi King Long ma rieditx taħdem aktar ma' BIE malli saret taf illi Cassar kien irriżenja. Il-verżjoni tiegħu li huwa kien biss konsulent ta' King Long mhijiex kredibbli għaliex mill-atti jirriżulta li fil-fatt kien imniżżel bħala direttur fuq il-website www.kinglongeurope.com u kien qiegħed jinnegozja biex jimporta l-vetturi huwa stess fl-Ewropea tramite distributuri fil-pajjiżi differenti.

Finalment, il-Qorti tgħid ukoll illi King Long ma ġabet l-ebda prova li BIE li kienet qed tostakola jew tkaxkar saqajha għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċess ta' omologazzjoni u lanqas li

kienet BIE li kienet qiegħda tinnegozja ma' manifatturi oħrajn bl-għan li timporta vetturi oħra fl-Ewropa.

Isegwi għalhekk illi fi kliem il-perit legali,

> *"mhux talli s-soċjetà attriċi tterminat il-Kuntratt unilateralment u illegalment għax ma kienx hemm intervent ġudizzjarju li jippronunzja l-verifikazzjoni tal-kondizzjoni riżoluttiva espressa ommeno, iżda tali verifikazzjoni qatt ma setgħet, fl-opinjoni umli tal-esponenti, tiġi pronunzjata. Dan għaliex il-perjodu msemmi fi Klawżola 3 ma kienx għadu beda jiddekorri fiż-żmien tal-pretiża terminazzjoni. Għalhekk, anke minn dan l-aspett jirriżulta li l-kuntratt bejn il-kontendenti ma setax jiġi terminat abbażi tal-kondizzjoni riżoluttiva da parti tal-attriċi."*

Konsegwentement, King Long għandha tagħmel tajjeb għad-danni li kkawżat lil BIE. A tenur tal-artikolu 1125 tal-Kap. 16:

> *"Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni."*

L-artikolu 1135 imbagħad jiddisponi li:

> *"Bla ħsara tal-eċċezzjonijiet u tat-tibdil kif miġjubin hawn aktar 'il quddiem, id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef."*

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Tabone Computer Centre Ltd vs Joe Camilleri, tal-10 ta' April 2008:

> *"Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat. Dan minbarra l-effett "primarju" li jista' jwassal għat-tħassir tal-obbligazzjoni jew kuntratt li jkun.*

*Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma tagħmilhiex jew ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni). Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas. Din ir-regola tgħodd ukoll f'kuntratt bħal dak tal-appalt, fejn appaltant li jagħżel li jħoll il-kuntratt minħabba l-inadempiment min-naħa tal-kuntrattur, ma jġibx fuqu l-effetti tal-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili.*

*Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas.*

*Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri.*

*Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef, sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed*

*sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni."*

Fil-każ ta' Terence Mirabelli vs James Schembri, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2003 kien intqal li:

*"In materja ta' kuntratti l-principju baziku jibqa' dak li "pacta sunt servanda". Dan in kwantu l-kuntratt ghandu sahha ta' ligi ghal dawk li jaghmluh (Artikolu 992(1) tal-Kodici Civili) u ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin jew ghal ragunijiet mil-ligi maghrufa (Artikolu 992(2) tal-Kodici Civili). Inoltre hu mistenni li dan jigi esegwit bil-bona fidi u in effetti jobbliga mhux biss ghal dak li jinghad fih izda ukoll ghal konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita, bl-uzu jew bil-ligi (Artikolu 993 tal-Kap. 16).'*

...

*Issa bhala regola l-penali stipulata bejn il-partijiet kontraenti hija meqjusa bhala klawsola li tirraprezenta d-danni preventivament likwidati minhabba non-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni ("Negte. Antonio Tabone noe –vs Negte. Joseph Caruana", Qorti tal-Kummerc, per Imhallef Dr. W. Harding, 24 ta' Novembru 1950). B'danakollu, kif jinghad f'din l-istess sentenza, il-partijiet jistghu jistipulaw b'mod esplicitu penali u danni;"*

King Long m'għamlet l-ebda tentattiv sabiex tikkontesta l-kwantum tad-danni riklamanti minn BIE. Wara li qieset id-dokumentazzjoni kollha u l-prospett tad-danni pretiżi, il-Qorti taqbel mal-perit legali li s-somma pretiża hija dovuta lil BIE in linea ta' danni minħabba t-terminazzjoni illegali tal-kuntratt da parti ta' King Long.

Jifdal għalhekk il-kwistjoni tal-penali. Il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li huwa permess illi l-kreditur jitlob kemm il-penali kif ukoll il-likwidazzjoni ta' danni.

Dwar il-penali, l-artikolu 1120 tal-Kap. 16 jiddisponi hekk:

*"(1) Il-penali hija l-kumpens tal-ħsara li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali.*

*(2) Il-kreditur jista' jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali minflok ma jitlob il-penali li fiha jkun waqa' d-debitur.*

*(3) Hu ma jistax jitlob il-ħaġa prinċipali u l-penali flimkien, ħlief meta l-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss."*

L-artikolu 1122 jaqra hekk:

*"(1) Il-qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali ħlief f'dawn il-każijiet:*

*(a) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita;*

*(b) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-parti hekk esegwita, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari tal-kreditur, tkun biċ-ċar tiswielu. Iżda, f' dan il-każ, ebda tnaqqis ta' penali ma jista' jsir, jekk id-debitur, meta ntrabat għall-penali, ikun irrinunzja espressament għal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss.*

*(2) Meta skont dan l-artikolu l-penali għandha tiġi mnaqqsa, it-tnaqqis għandu jsir fil-proporzjon tal-parti tal-obbligazzjoni li tkun baqgħet mhux esegwita."*

Finalment, l-artikolu 1138 jipprovdi li:

*"Meta l-ftehim jistabbilixxi illi l-parti li tonqos mill-esekuzzjoni tiegħu għandha tħallas somma determinata bħala danni, ma tistax tiġi mogħtija lill-parti l-oħra somma akbar jew iżgħar."*

King Long qatt ma ċaħdet illi hija kienet daħlet f'kuntratti ma terzi distributuri wara li unilateralment itterminat il-kuntratt li kellha ma BIE, anzi dan ġie ammess minn Chris Cassar kif ukoll fis-sottomissjonijiet ta' King Long stess fejn stqarret li kellha kull dritt illi tagħmel hekk. Mhux hekk biss, imma mill-atti rriżulta li King Long kienet għamlet kuntatt u saħansitra daħlet fi ftehim sa anke qabel ma tterminat il-kuntratt ma' BIE. Il-Qorti qiegħda tirreferi għall e-*mail* mehmuż mal-affidavit ta' Janice Baldacchino minn fejn jirriżulta li kumpannija Svediża li magħha kien hemm il-possibiltà li BIE tikkonkludi ftehim dwar ix-xarabanks *de quo* kienet effettivament ġiet offruta u aċċettat ftehim dirett ma King Long.

A bazi tal-principju *pacta sunt servanda* King Long għandha tiġi kkundannata tħallas ukoll il-penali stipulati fil-klawżola 15.1 (e) tal-kuntratt. Il-Qorti taqbel ukoll mal-perit legali li ma hemm l-ebda lok għall-aġġustament mill-Qorti a tenur tal-artikolu 1122 tal-Kap. 16.

Madanakollu, il-Qorti ma taqbilx illi l-ftehim għadu fis-seħħ kif qed tippretendi BIE. Tajjeb jew ħażin, King Long itterminat il-kuntratt. Fil-fehma tal-Qorti, li kieku ma kienx hekk, il-partijiet kienu llum jsibu ruħhom f'sitwazzjoni assurda fejn għadhom marbutin b'kuntratt illi ċertament l-ebda parti issa ma tinsab f'posizzjoni li tonora.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-kawża prinċipali stante li dawn ġew dikjarati deżerti fil-21 ta' Ottubru 2015. Riferibbilment għat-talbiet rikonvenzjonali, tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata u

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-ftehim bejn il-kontendenti datat 1 ta' Lulju 2004 ma ġiex validament itterminat permezz tal-ittra esebita bħala Dok. E;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata kisret l-obbligi tagħha versu s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti naxxenti mill-kuntratt tal-1 ta' Lulju 2004;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi b'riżultat tal-aġir tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata, s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti soffriet danni fl-ammont totali ta' mitejn sebgħa u sittin elf erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u erba' u disgħin ċenteżmu (€267,465.94) kif ukoll is-somma ta' tlettax-il elf seba' mija u ħamsin Dollaru Amerikan ($13,750);

4. Tikkundanna lis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata tħallas lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti s-somma ta' mitejn seba' u sittin elf erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u erba' u disgħin ċenteżmu (€267,465.94) kif ukoll is-somma f'Ewro ekwivalenti ta' tlettax-il elf seba' mija u ħamsin Dollaru Amerikan ($13,750) bl-imgħax kif mitlub;

5. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata appuntat jew biegħet prodotti manifatturati minnha lil distributuri oħra f'pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u konsegwentement, għandha tħallas lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti s-somma f'Ewro ekwivalenti ta' ħames mitt elf Dollaru Amerikan ($500,000) kif ikkontemplat fil-klawżola 15.1 (e) tal-kuntratt bejn il-partijiet;

6. Tikkundanna lis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata tħallas lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti s-somma f'Ewro ekwivalenti ta' ħames mitt elf Dollaru Amerikan ($500,000) bl-imgħax kif mitlub. Il-pagament għandu jsir fl-ekwivalenti f' munita Ewro,

Bl-ispejjeż kollha kemm tal-kawża prinċipali kif ukoll tal-kontro-talba a karigu tas-soċjetà attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG